

**Emenda 17**

**Marc Botenga, Miguel Urbán Crespo, Manu Pineda, Manon Aubry, Younous Omarjee, Leila Chaibi**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0424/2023****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023  
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 10a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

*10a. Jinnota li l-Iżrael huwa akkużat b'ġenoċidju; jappella, għalhekk, għat-terminazzjoni immedjata tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u Iżrael, peress li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ma jistgħux ikunu kompliċi fid-delitti tal-gwerra Izraeljanif f'Gażza;*

Or. en

**Emenda 18**

**Marc Botenga, Miguel Urbán Crespo, Manu Pineda**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023  
(2023/2118(INI))

**A9-0424/2023****Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 11***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

11. Jikkundanna bil-qawwa u huwa mħasseb ħafna dwar l-atrocitàjet, id-delitti tal-gwerra u l-ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi l-vjolenza sesswali, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-deportazzjoni tat-tfal u t-tortura u l-qtıl ta' persuni ċivili u priġunieri tal-gwerra, imwettqa mill-forzi armati Russi u r-rappreżentanti tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux iġġustifikata u mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna; ifakkar li l-appoġġ lill-Ukrajna fil-gwerra tagħha kontra r-Russja huwa ta' importanza essenzjali biex tīgħi ssalvagwardjata ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli; iħeġġeġ it-teħid tal-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li dawk li wettqu delitti tal-gwerra u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna jiġu identifikati u jinżammu responsabbli; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu joffru l-appoġġ sħiħ tagħhom lill-partijiet ikkonċernati, il-miżuri u l-mekkaniżmi rilevanti f'dan il-qasam, inklużi l-prosekuturi, l-investigaturi u l-ġudikatura Ukreni, il-QKI, il-Kummissjoni ta' Inkhest tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-investigazzjonijiet nazzjonali skont il-prinċipju tal-ġuriżdizzjoni universali; jisħaq fuq l-importanza li tinġabar u tīgħi ppreżervata malajr l-evidenza ta' delitti tal-

11. Jikkundanna bil-qawwa u huwa mħasseb ħafna dwar l-atrocitàjet, id-delitti tal-gwerra u l-ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi l-vjolenza sesswali, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-deportazzjoni tat-tfal u t-tortura u l-qtıl ta' persuni ċivili u priġunieri tal-gwerra, imwettqa mill-forzi armati Russi u r-rappreżentanti tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux iġġustifikata u mhux ipprovokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, **kif ukoll dawk imwettqa mill-forzi Iżraeljani fl-attakk tagħhom fuq Gaża**; ifakkar li l-appoġġ lill-Ukrajna fil-gwerra tagħha kontra r-Russja **u l-appoġġ lill-poplu Palestinjan fid-dawl tal-attakki ħorox Iżraeljani** huwa ta' importanza essenzjali biex tīgħi ssalvagwardjata ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli; iħeġġeġ it-teħid tal-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li dawk li wettqu delitti tal-gwerra u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna **u f'Gaża** jiġu identifikati u jinżammu responsabbli; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu joffru l-appoġġ sħiħ tagħhom lill-partijiet ikkonċernati, il-miżuri u l-mekkaniżmi rilevanti f'dan il-qasam, inklużi l-prosekuturi, l-investigaturi u l-ġudikatura Ukreni, il-QKI, il-Kummissjoni ta' Inkhest tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-

gwerra u delitti kontra l-umanità, u jilqa' l-isforzi tas-soċjetà ċivili għal dan l-għan;

NU u l-investigazzjonijiet nazzjonali skont il-prinċipju tal-ġuriżdizzjoni universali; jisħaq fuq l-importanza li tinġabar u tiġi ppreżervata malajr l-evidenza ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità, u jilqa' l-isforzi tas-soċjetà ċivili għal dan l-għan;

Or. en

**Emenda 19**

**Miguel Urbán Crespo, João Pimenta Lopes, Manu Pineda, Manon Aubry, Younous Omarjee, Leila Chaibi**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0424/2023****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023  
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 11a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

*11a. Jikkundanna bil-qawwa u jiinsab imħasseb ħafna dwar l-atroċitajiet, id-delitti tal-gwerra u l-ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettqa mill-forzi armati Iżraeljani f'Gaża; jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-attakki Iżraeljani permezz ta' attakki mill-ajru u l-użu ta' armi kimiċi kontra ċ-ċivili Palestinjani fl-Istrixxa ta' Gaża; jissottolinja li dawn l-attakki huma delitti tal-gwerra u ksur tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra; jikkundanna l-politika ta' Iżrael ta' kastig kollettiv kontra l-poplu ta' Gaża, li tmur kontra d-dritt umanitarju internazzjonali u trid titwaqqaf; jenfasizza li t-tkeċċija furzata ta' popolazzjonijiet hija delitt tal-gwerra; jesprimi tħassib dwar l-implikazzjonijiet regjonalni tal-ħarba tal-Palestinjani mill-Istrixxa ta' Gaża;*

Or. en

**Emenda 20****Marc Botenga, Miguel Urbán Crespo, João Pimenta Lopes, Manu Pineda, Manon****Aubry, Younous Omarjee, Leila Chaibi**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0424/2023****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023

(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 11b (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

*11b. Jappella għal appoġġ għall-inizjattiva tar-Repubblika tal-Afrika t'isfel għall-prosekuzzjoni ta' Iżrael għad-delitti tal-gwerra u l-ġenoċidju f'Gażza; jisħaq li d-deċiżjoni interim maħruġa mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) – l-ogħla qorti tan-NU – tiddikjara li hemm evidenza plawżibbli biex Iżrael jiġi investigat għal-ġenoċidju u jistieden lil Iżrael jieħu passi biex jippreyjeni dan il-ġenoċidju; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw lill-QIĠ u jitkolbu li Iżrael jikkonforma immedjatament mal-ordnijiet legalment vinkolanti maħruġa mill-Qorti;*

Or. en

21.2.2024

A9-0424/21

**Emenda 21**

**Marc Botenga, Miguel Urbán Crespo, João Pimenta Lopes, Manu Pineda, Manon**

**Aubry, Leila Chaibi**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0424/2023**

**Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023

(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 12a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*12a. Jiddeplora n-nuqqas ta' azzjoni mill-Unjoni Ewropea fid-dawl tad-delitti tal-gwerra Iżraeljani f'Gaża, kif ukoll fid-dawl tal-attakki mhux sostanzjati mill-Gvern u mill-armata Iżraeljani fil-konfront tan-NU u, b'mod partikolari, tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA);*

Or. en

**Emenda 22**

**Miguel Urbán Crespo, Marc Botenga, Manu Pineda, João Pimenta Lopes, Manon Aubry, Younous Omarjee, Leila Chaibi**  
 f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0424/2023****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023  
 (2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 12b (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

*12 b. Jenfasizza li l-UNRWA għandha rwol insostitwibbli li tiprovd iċċajnejha kritika biex tiżgura s-soprapivenza ta' kuljum ta' 2.2 miljuni ċivili f'Gaża, li qed iħabbtu wiċċhom ma' theddid indeksrīvibbi għal ħajjithom u għad-drittijiet l-aktar bażiċċi tagħhom; jirrifjuta s-sospensjoni tal-finanzjament lill-UNRWA minn 18-il stat u jfakkar li jekk din id-deċiżjoni ma titreġġax lura, l-UNRWA se jispicċċawha l-fondi fix-xhur li ġejjin; jappella, għaldaqstant, biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħtu appoġġ lill-UNRWA permezz tal-finanzjament adegwat biex din tkompli u ttejjeb il-ħidma umanitarja tagħha li ssalva l-ħajjet;*

Or. en

**Emenda 23**

**Marc Botenga, Miguel Urbán Crespo, Manu Pineda, Manon Aubry, Younous Omarjee, Leila Chaibi**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

A9-0424/2023

**Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023  
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

Paragrafu 13a (ġdid)

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*13a. Jappella lill-Istati Membri biex iwaqqfu immedjatament l-esportazzjonijiet tal-armi lejn Iżrael f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari<sup>1a</sup>; iwissi li l-istati li jappoġġjaw lil Iżrael bi vjeġġi tal-armi issa jistgħu jittellgħu quddiem il-QIĠ għall-għajnuna u l-assistenza fil-ġenoċidju kontra l-Palestinjani bi ksur tal-Artikolu 3(e) tal-Konvenzjoni dwar il-Ġenoċidju, li jikkriminalizza l-kompliċità;*

---

<sup>1a</sup> *Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).*

Or. en

21.2.2024

A9-0424/24

**Emenda 24**

**Marc Botenga, Miguel Urbán Crespo, João Pimenta Lopes, Manu Pineda, Manon Aubry, Younous Omarjee, Leila Chaibi**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0424/2023**

**Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023  
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 13b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*13b. Jappella għal waqfien mill-ġlied  
immedjat f'Gaża;*

Or. en

**Emenda 25****Miguel Urbán Crespo, Manu Pineda**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0424/2023****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023  
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 14a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

*14a. Jinsab imħasseb serjament dwar il-persistenza ta' okkupazzjonijiet fit-tul u annessazzjonijiet tat-territorji; jappella biex tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-territorji okkupati illegalment, inkluż f'każijiet ta' okkupazzjoni fit-tul, bħal fil-Palestina u fis-Sahara tal-Punent, u fid-diversi kunflitti ffriżati, u li jittieħdu miżuri effettivi bl-għan li jiġu evitati abbużi gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ksur tad-dritt għall-ħajja, ir-restrizzjoni tal-libertà tal-moviment u d-diskriminazzjoni;*

Or. en

**Emenda 26**

**Miguel Urbán Crespo, Manu Pineda, Manon Aubry, Leila Chaibi**  
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****A9-0424/2023****Nacho Sánchez Amor**

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023  
(2023/2118(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 15a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

*15a. Jisħaq li xi Stati Membri huma fost l-akbar esportaturi tal-armi fid-dinja u jqis li huwa essenzjali li jiġu applikati u msaħħa l-istandardi internazzjonali dwar il-bejgħ tal-armi biex jiġi evitat li kwalunkwe Stat Membru jew kumpanija Ewropea jipparteċipaw direttament jew indirettament f'eskalazzjoni tal-vjolenza jew fil-finanzjament tal-armati jew gruppi involuti f'abbużi; jappella lil dawn il-kumpaniji biex jimpenjaw ruħhom għar-responsabbiltajiet morali, soċjali u legali tagħhom;*

Or. en